

Brussell, 20 ta' Frar 2026  
(OR. en)

06291/26

COPS 88  
EUMC 54  
POLMIL 74  
MAMA 33  
MOG 32  
COAFR 33  
ASPIDES 6  
CFSP/PESC 229  
CSDP/PSDC 85  
PSC DEC 4

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTÀ dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 (EUNAVFOR ASPIDES/1/2026)

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA' (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE  
għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea  
biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni  
b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)  
u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217  
(EUNAVFOR ASPIDES/1/2026)**

IL-KUMITAT POLITIKU U TA' SIGURTA',

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/583 tat-8 ta' Frar 2024 dwar operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tagħha,

---

<sup>1</sup> ĠU L, 2024/583, 12.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/583/oj>.

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, li stabbiliet operazzjoni militari ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES).
- (2) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/583, il-Kunsill awtorizza lill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES (il-"Kmandant tal-Forza tal-UE").
- (3) Fit-22 ta' Ottubru 2025, il-KPS adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217<sup>2</sup>, li ħatret il-Komodor Michail LAMPIRIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE mis-6 ta' Novembru 2025.
- (4) Fid-9 ta' Frar 2026, l-awtoritajiet militari Griegi pproponew il-ħatra tal-Komodor Grigorius NOUSIAS biex jieħu post il-Komodor Michail LAMPIRIS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE (l-“ħatra proposta”).
- (5) Fid-9 ta' Frar 2026, il-Kmandant tal-Operazzjoni tal-UE EUNAVFOR ASPIDES appoġġa l-ħatra proposta.
- (6) Fil-11 ta' Frar 2026, il-Kumitat Militari tal-UE appoġġa l-ħatra proposta u qabel li l-Komodor Grigorius NOUSIAS jinħatar bħala Kmandant tal-Forza tal-UE għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2026 sal-14 ta' Marzu 2026.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2025/2217 tat-22 ta' Ottubru 2025 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2025/1224 (EUNAVFOR ASPIDES/4/2025) (ĠU L, 2025/2217, 30.10.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2217/oj>).

- (7) Jenħtieġ li tittieħed deċiżjoni dwar il-ħatra tal-Komodor Grigorius NOUSIAS bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-EUNAVFOR ASPIDES.
- (8) Jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mit-18 ta' Frar 2026 sabiex tiżgura kontinwita' fil-kompiti tal-Kmandant tal-Forza tal-UE.
- (9) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Komodor Grigorius NOUSIAS huwa maħtur bħala l-Kmandant tal-Forza tal-UE għall-operazzjoni ta' sigurtà marittima tal-Unjoni Ewropea biex tiġi ssalvagwardata l-libertà ta' navigazzjoni b'rabta mal-kriżi tal-Baħar l-Aħmar (EUNAVFOR ASPIDES) għall-perjodu mit-18 ta' Frar 2026 sal-14 ta' Marzu 2026.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/2217 hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mit-18 ta' Frar 2026.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà  
Il-President*